MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 239/2005

**GasanMamo Insurance Limited ( C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Giuseppe Bonavia (ID 197762m) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Giuseppe Bonavia**
**Vs**
**Quentin Meyer (Passport No. 3310834386)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' disa mija hamsa u sittin lira tnejn u tletin centezmu (LM965.32) rapprezentanti valur ta hsarat kagonati fil-vettura tal-attur numru KAK 352 f'incident stradali li sehh nhar it-13 ta Dicembru 2003 gewwa San Pawl il-Bahar meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru DAQ 284 ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 6 ta Lulju 2004 u ta ittra ufficcjali ohra prezentata kontestwalment

ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta Lulju 2004 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-19 ta Jannar 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif rikjesta fl-ammont ta disa mija u hamsa u sittin lira u tnejn u tletin centezmu bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta Lulju 2004 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------